**Tradutturi/Interpreti legali**

Njemačka

Din il-paġna tgħinek issib traduttur u interpretu legali fil-Ġermanja.

**Kif tista' ssib traduttur jew interpretu legali fil-Ġermanja?**

Il-bażi ta' dejta standard Ġermaniża tat-tradutturi u l-interpreti telenka t-tradutturi u l-interpreti kollha li huma ġuramentati uffiċjalment, ċertifikati u/jew li jaħdmu f'kapaċità ta' servizz pubbliku fl-istati federali (*Länder*) tal-Ġermanja.

Kull *Land* Ġermaniża tiddetermina l-kriterji għat-tradutturi u l-interpreti biex dawn jiġu ġuramentati uffiċjalment, jew ċertifikati, jew jaħdmu f'kapaċità ta' servizz pubbliku, għalhekk jeżistu rekwiżiti speċifiċi għal kull *Land.*

**L-aċċess għall-bażi tad-dejta Ġermaniża tat-tradutturi u l-interpreti huwa bla ħlas?**

Iva.

**Kif tista' tfittex traduttur jew interpretu legali fil-Ġermanja?**

Huwa possibbli li tfittex interpreti u tradutturi speċifiċi permezz ta' waħda jew aktar minn dawn il-kriterji: isem, kodiċi postali/muniċipalità, lingwa. Jekk tagħżel entrata speċifika mir-riżultati għat-tfittxija, jitilgħu wkoll dettalji addizzjonali (pereżempju, il-lingwi li jħaddem it-traduttur/l-interpretu u d-dettalji ta' kuntatt).

**Ħoloq relatati**

Il-bażi ta' dejta tal-interpreti legali (justiz-dolmetscher.de)

Il-bażi ta' dejta tat-tradutturi legali (justiz-dolmetscher.de)

Il-bażi ta' dejta tal-interpreti tal-qorti (justiz-dolmetscher.de)

Il-bażi ta' dejta tat-tradutturi tal-qorti (justiz-dolmetscher.de)

Il-portal tal-interpreti tal-qorti (gerichtsdolmetscherverzeichnis.de)

Il-portal tat-tradutturi tal-qorti (justiz-dolmetscher.de)

L-aħħar aġġornament: 29/08/2019

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.